

Brussell, 23 ta' Frar 2026
(OR. en)

6343/26

SOC 84
EMPL 35

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Inkissru ċ-Ċiklu tal-Faqar: Niżviluppaw servizzi ta' abilitazzjoni u attivazzjoni ċċentratu fuq il-persuna - <i>Skambju ta' fehmiet</i>

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża n-nota ta' gwida tal-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, bil-ħsieb tal-iskambju ta' fehmiet tal-Kunsill (EPSCO) tad-9 ta' Marzu 2026.

INKISSRU Ċ-ĊIKLU TAL-FAQAR: NIŻVILUPPAW SERVIZZI TA' ABILITAZZJONI U ATTIVAZZJONI ĊĊENTRATI FUQ IL-PERSUNA

Inkissru ċ-Ċiklu tal-Faqar

Fl-2025, il-President von der Leyen, fid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni, affermat mill-ġdid il-viżjoni fit-tul tal-Unjoni, filwaqt li ssottolinjat li l-Unjoni ser tistabbilixxi l-pjan tagħha biex tgħin fil-qerda tal-faqar sal-2050¹. Il-kisba ta' dan l-oġettiv ġenerali fl-Unjoni qed tiġi sfidata minn pressjonijiet persistenti tal-ġholi tal-ħajja, sfidi makroekonomiċi u insigurtà finanzjarja.

L-isfidi li ilhom jeżistu, bħall-faqar fost min għandu xogħol, limitazzjonijiet dejjem akbar fl-akkomodazzjoni u l-affordabbiltà kif ukoll għadd konsiderevoli ta' familji bit-tfal li jesperjenzaw il-faqar, juru n-natura multidimensjonali ta' din il-kwistjoni. Dan jenfasizza l-ħtieġa ta' reazzjonijiet politiċi aktar komprensivi u effettivi. Dawn it-tweġibiet jinkludu mhux biss l-ġholi ta' appoġġ għall-introjtu adegwat għal dawk fil-bżonn iżda wkoll it-tisħiħ tal-inklużjoni attiva u l-aċċess għal servizzi essenzjali. Il-faqar esperjenzat kmieni fil-ħajja għad għandu effetti profondi u dejjiema kemm fil-livell individwali kif ukoll f'dak tas-soċjetà, u dan jixpruna l-inugwaljanzi fil-parteċipazzjoni soċjali, filwaqt li jsaħħaħ it-trażmissjoni interġenerazzjonali tal-iżvantaġġ. Għalhekk, neħtieġu mekkaniżmi preventivi aktar b'saħħithom biex l-ewwel nett titnaqqas il-probabbiltà li n-nies jispiċċaw fil-faqar u fl-istess ħin jiġi indirizzat il-faqar interġenerazzjonali.

Niżviluppaw servizzi ta' abilitazzjoni u attivazzjoni ċċentriati fuq il-persuna

Is-servizzi ta' abilitazzjoni u attivazzjoni li huma ċċentriati fuq il-persuna wrew li huma modi effettivi fl-indirizzar tal-inugwaljanzi soċjali u fl-ġholi ta' mezzi lill-persuni biex jiżviluppaw il-potenzjal sħiħ tagħhom.

¹ Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni 2025

It-tishiĥ tal-investment f'servizzi ta' abilitazzjoni integrati, ta' kwalità għolja u b'riżorsi adegwati - inkluż servizzi ta' inklużjoni soċjali (pereżempju ħidma soċjali, konsulenza, ikkowċjar, mentoraġġ, appoġġ psikoloġiku, riabilitazzjoni) u servizzi ġenerali oħra ta' abilitazzjoni, inkluż l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, il-kura tas-saħħa, il-kura fit-tul, l-edukazzjoni u t-taħriġ, u l-akkomodazzjoni huma essenzjali biex jiġu indirizzati l-elementi strutturali li jixprunaw il-faqar kif ukoll biex jatkissru ċ-ċikli ta' żvantaġġ.

Il-prijoritizzazzjoni ta' politiki li jiffaċilitaw l-involviment bikri u l-assistenza personalizzata, inkluż valutazzjonijiet tal-ħiliet individwali, konsulenza dwar il-karriera u opportunitajiet immirati ta' taħriġ jew taħriġ mill-ġdid allinjati mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol hija kruċjali. Sabiex il-politiki ta' attivazzjoni jkunu effettivi, huwa essenzjali li jitfasslu madwar l-għanijiet, il-kapaċitajiet u l-kuntast soċjali tal-individwu, filwaqt li jiġi rikonoxxut li l-awtodeterminazzjoni, il-konnessjonijiet soċjali u l-awtoeffikaċja huma essenzjali biex jatkissru ċ-ċikli ta' esklużjoni. Id-disinn iċċentrat fuq il-persuna jippromwovi wkoll id-dinjità, l-awtonomija u l-għażla.

B'mod parallel, it-tkissir tal-kumplessità tal-faqar jeħtieġ kollaborazzjoni bejn is-setturi – bħas-servizzi soċjali, is-saħħa, l-edukazzjoni, l-impjiegi u l-akkomodazzjoni – b'perkorsi bla xkiel għall-individwi biex jaċċessaw dak li jeħtieġu "taħt saqaf wieħed" jew permezz ta' sistemi ta' riferiment ikkoordinati. B'mod speċifiku, it-tishiĥ tar-rabtiet bejn is-sistemi ta' protezzjoni soċjali u s-servizzi pubbliċi tal-impjiegi huwa essenzjali, flimkien ma' inċentivi li jagħmlu t-tranżizzjoni lejn ix-xogħol finanzjarjament vijabbli u sostenibbli. Tali approċċi abilitanti mhux biss jappoġġaw l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol iżda jikkontribwixxu wkoll għal parteċipazzjoni soċjali usa', opportunitajiet indaqs u koeżjoni soċjali.

Barra minn hekk, l-involviment ta' organizzazzjonijiet lokali, gruppi ta' appoġġ bejn il-pari u atturi fil-livell lokali jgħin biex jiġi żgurat li s-servizzi jkunu mfassla apposta, immirati u aċċessibbli. Il-mudelli bbażati fil-komunità jrawmu wkoll appoġġ reċiproku u kapital soċjali, li huma fatturi ewlenin fl-inklużjoni sostenibbli.

Sabiex jinkisbu l-aqwa riżultati, jeħtieġ li l-interventi jibnu l-fiduċja, inaqqsu l-istigma internalizzata u jtejbu l-kapaċitajiet ta' adattament sabiex jipproduċu eżiti soċjali effettivi, f'konformità mat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali.

L-ewwel "Strateġija tal-UE Kontra l-Faqar" fl-ewwel nofs tal-2026, mistennija li ssaħħaħ u tenfasizza l-importanza ta' servizzi ċċentrati fuq il-persuna, ta' abilitazzjoni u ta' attivazzjoni. Filwaqt li sar xi progress lejn il-mira tal-2030 dwar it-tnaqqis tal-faqar, il-pass ġenerali għadu kajman. Il-faqar ikompli jolqot b'mod sproporzjonat lin-nisa, lill-familji bit-tfal u lill-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, filwaqt li jenfasizza l-urġenza ta' azzjonijiet aktar koerenti, immirati u li jħarsu 'l quddiem. Huwa imperattiv li l-politiki jkunu effettivi, jikkomplementaw is-servizzi ta' rimedju u jinkludu approċċi orjentati lejn il-prevenzjoni. Koerenza u koordinazzjoni msaħħa tal-politika kemm fil-livell tal-UE, kif ukoll f'dak nazzjonali u reġjonali, anke permezz tas-Semestru Ewropew, huma essenzjali biex jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura.

Objettiv tal-iskambju ta' fehmiet

B'kont meħud ta' dan kollu, il-ministri mistiedna jiskambjaw fehmiet dwar politiki effettivi biex jinkiser iċ-ċiklu tal-faqar, b'enfasi partikolari fuq ir-rwol ta' servizzi ċċentrati fuq il-persuna, ta' abilitazzjoni u ta' attivazzjoni. Id-diskussjoni għandha l-għan li tiffaċilita l-esplorazzjoni tat-tranżizzjoni minn benefiċċji purament monetarji għal assistenza personalizzata olistika u ta' appoġġ u servizzi in natura. F'dan il-kuntest, il-ministri jistgħu jirriflettu dwar kif is-sistemi ta' protezzjoni soċjali u s-servizzi ta' attivazzjoni jistgħu jiġu allinjati aħjar lejn l-awtonomija, l-inklużjoni soċjali u l-impjiegi.

Mistoqsijiet għad-diskussjoni

F'dan il-kuntest, il-Ministri mistiedna jikkonċentraw fuq il-mistoqsijiet li ġejjin:

- 1. X'miżuri qed timplimentaw li saħħew b'mod effettiv is-servizzi ta' abilitazzjoni u ta' attivazzjoni ċċentrati fuq il-persuna biex jipprevjenu l-faqar u/jew l-esklużjoni soċjali;*
- 2. Kif jistgħu l-politiki ta' abilitazzjoni u ta' attivazzjoni ċċentrati fuq il-persuna jiġu inkorporati fl-ewwel Strateġija tal-UE Kontra l-Faqar li jmiss?*